MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 133/2008

**A.**

**-vs-**

**B,C,L-Avukat Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-28 ta' April, 2008 ġew maħtura kuraturi tal-minuri X u id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' April, 2008 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi fis-7 ta' April, 2002 l-attur iżżewweġ lill-konvenuta B, u dan skond kif jirriżulta mill-Att taż-żwieġ, anness u mmarkat Dok. 'A';

2. Illi f'April 2006 l-attur u l-konvenuta B sseparaw *de facto* u minn dak iż-żmien qatt ma kellhom relazzjoni sesswali bejniethom. Sussegwentement u *cioe'* fil-11 ta' Diċembru, 2006, il-konvenuta B isseparat legalment mill-esponenti b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, kopja ta' liema kuntratt ta' separazzjoni tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. 'B';

3. Illi sussegwentement il-konvenuta B kellha relazzjoni mal-konvenut l-ieħor C li minnha ħarġet tqila;

4. Illi fil-5 ta' Ottubru, 2007, twieldet il-minuri X, liema minuri ġiet reġistrata bħala l-wild naturali ta' l-esponenti, hekk kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid anness u mmarkat Dok. 'C';

5. Illi filwaqt li huwa impossibbli li l-esponenti jkun il-missier naturali tal-minuri X, il-konvenut C jirrikonoxxi lill-minuri X bħala l-wild naturali tiegħu;

6. Illi l-minuri X hija l-wild naturali tal-konvenut C u l-esponenti ma jridx li huwa jibqa' jkun indikat bħala l-missier tal-minuri X;

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara li l-minuri X li twieldet fil-5 ta' Ottubru, 2007 m'hijiex il-wild naturali ta' l-esponenti;

2. Tiddikjara li l-minuri X li twieldet fil-5 ta' Ottubru, 2007 hija l-wild naturali tal-konvenut C;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid tal-minuri X numru xxxx ta' l-2007, fis-sens li jitneħħew il-konnotati ta' l-esponenti mit-tagħrif dwar missier it-tarbija u minflok jidħlu l-konnotati tal-konvenut C.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fit-28 ta’ Mejju, 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m’huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent għandu jispeċifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali l-intimat C sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu nseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-oħra. *Inoltre*, jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqgħu l-kunjom tal-minuri għandu jiġi korrett.

3. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-intimat, li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x’jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati, ippreżentata fit-30 ta’ Mejju, 2008, li permezz tagħha qalu bil-qima:

Illi filwaqt li huma ma jafux bil-fatti li wasslu għal din il-kawża, jidher li filwaqt li l-ewwel talba tkun tista' tintlaqa' hekk kif ser tkun pruvata imqar is-separazzjoni *de facto*, it-tieni talba ma tistax tintlaqa' billi istanza bħal dik tmiss biss lill-minuri X Attard; din m'hijiex mhux rikorrenti iżda saħansitra hija mħarrka bħala intimata – u dan kif maqtugħ mill-Qorti ta' l-Appell f'diversi kawżi reċenti fosthom Thompson – Spiteri tal-31 ta' Ottubru, 2007 li wettqet is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-20 ta' Marzu, 2007.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-konvenuti B u C, ippreżentata fl-24 ta' Ottubru, 2008, li permezz tagħha ammettew it-talba.

Rat l-atti proċesswali u senjatament l-affidavits u r-rapport ta' l-espert tad-DNA.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha l-konvenuta u reġistrata bħala ibnu, bħala r-raġel tagħha u minnu separata, bħala iben il-konvenut C.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk:

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn, 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħeda mhux biżżejjed (Artiklu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attur, u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni. Mill-provi jirriżulta li t-tarbija twieldet minn relazzjoni li l-konvenuta, *gia'* separata *de facto* minn ma' l-attur, kellha ma' l-intervenut – *oltre* dan it-test tad-DNA ma jħalli ebda dubju.

**Għaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenuti B u C:**

**1. tiddikjara lill-konvenut C missier naturali tal-minuri X;**

**2. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji (kompriż dak indikat fl-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu) fl-att tat-twelid numru 3206 ta' l-2007 billi jiġu mniżżla l-konnotati ta' l-istess konvenut kif indikati fil-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2008 minflok dawk ta' l-attur.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti C u B solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------